# TRIBUNAL GĦAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

Fl-atti tat-Talba CCT 209/24/F

**John Bonnici**

**vs**

**Electra Ltd (C-92272) u b'digriet tat-Tribunal tal-25 ta' Novebru 2024, l-isem ġie emendat biex jaqra Christopher Camilleri eżerċenti l-kummerċ bħala CR Techniks**

Illum, 2 ta' Diċembru 2024

**It-Tribunal:**

Ra l-Avviż tat-Talba ppreżentat mir-Rikorrenti nhar id-29 ta' Settembru 2024;

Ra li minkejja li ġiet debitament notifikata fit-8 ta' Ottubru 2024, l-azjenda intimata naqset milli tippreżenta Risposta u ġiet dikjarata bħala kontumaċi;

Sema' x-xhieda tar-Rikorrent bil-ġurament;

Ra d-dokumenti ppreżentati;

Ra li l-ebda rappreżentant tal-azjenda intimata ma attenda għas-seduti quddiem it-Tribunal;

Ra r-Regolament 12.1 tar-Regoli dwar it-Tribunal għal Talbiet tal-Konsumatur (L.S. 378.01);

Ra li għalkemm it-Talba sħiħa tar-Rikorrent hija fl-ammont ta' sittax-il elf, tlett mija u ħamsa u għoxrin Euro (€16,325), dan iddikjara li qiegħed iċedi dik il-parti mit-Talba li teċċedi s-somma ta' għaxart'elef Euro (€10,000) ai fini ta' kompetenza ta' dan it-Tribunal *ratione valoris*. Din id-dikjarazzjoni saret kemm

fuq il-formola tal-Avviż tat-Talba kif ukoll quddiem it-Tribunal, wara li r-Rikorrent ingħata żmien biex jaħsibha sewwa;

Ra li permezz tad-digriet tiegħu tal-25 ta' Novembru 2024, it-Tribunal ordna emenda fl-isem tal-azjenda intimata biex dan ġie jaqra Christopher Camilleri eżerċenti l-kummerċ bħala CR Techniks;

Ra li t-Talba tħalliet għas-sentenza.

**Ikkonsidra:**

Illi permezz tat-talba tiegħu kif hekk ridotta, ir-Rikorrent qed jitlob li jiġi rimborżat is-somma ta' għaxart'elef Euro (€10,000) prezz li huwa ħallas għax-xiri u insltallazzjoni ta' *lift* residenzjali.

Illi r-Rikorrent jilmenta li ħallas €12,325.10 (50%) bħala depożitu fis-26 ta' Awwissu 2023 u sal-lum, il-*lift* baqa' mhux lest u operanti, dan ukoll minkejja li skont il-kuntratt, il-lift kellu jkun kompletat fi żmien 20 ġimgħa – jiġifieri sa Frar 2024. Fis-17 ta' Ġunju 2024 ir-Rikorrent ġie mitlub pagament ieħor fl-ammont ta' €9,860 (40%) imma r-Rikorrent ħallas biss €4,000. Jispjega li rappreżentant tal-azjenda intimata stqarr quddiemu li ma jistgħux isibu tarf tal-problemi li għandu l-*lift*.

Illi r-Rikorrent iddikjara li r-rimedju li qed ifittex permezz ta' dawn il-proċeduri huwa dak tal-ħall tal-kuntratt u rifużjoni, u li l-*lift* jiġi mneħħi a spejjeż tal-azjenda intimata.

Illi l-Artikolu 74(1) tal-Kapitolu 378 tal-Liġijiet ta' Malta jtenni li *"fil-każ ta' nuqqas ta' konformità, il-konsumatur għandu jkun intitolat li jkollu l-oġġetti miġjuba f'konformità jew li jirċievi tnaqqis proporzjonat fil-prezz, jew li jittermina l-kuntratt [...]"*. Għalhekk, dak li qed jitlob ir-Rikorrent huwa leċitu u konsentit mill-liġi – l-azzjoni ordinarjament imsejħa bħala *actio redhibitoria*.

Illi minkejja li ġiet debitament notifikata, l-azjenda ma ressqitx Risposta u l-ebda rappreżentant ma deher għas-seduti quddiem it-Tribunal. Għalhekk, bis-silenzju tagħha, l-azjenda intimata naqset milli tagħti l-verżjoni tal-fatti skontha.

Illi intant, ir-Regolament 12.1 tar-Regoli dwar it-Tribunal għal Talbiet tal-Konsumatur (L.S. 378.01) jagħti ukoll is-setgħa lit-Tribunal li jiddeċiedi t-Talba kontra l-intimat meta dan jonqos milli jidher għas-seduta mingħajr ġustifikazzjoni.

Illi indipendentament mill-premess, it-Tribunal iqis li r-Rikorrent irnexxielu jipprova l-każ tagħu skont il-liġi u li dak li qed jitlob jinkwadra sewwa entro d-drittijiet tiegħu bħala Konsumatur. Għalhekk, it-Talba timmerita akkoljiment.

**Deċiżjoni**

**Għaldaqstant, għar-raġunijiet spjegati, u fiċ-ċirkostanzi tal-każ, wara li ra l-Kapitolu 378 tal-Liġijiet ta' Malta, it-Tribunal jaqta' u jiddeċiedi din it-Talba billi jilqagħha, u filwaqt li jiddikjara l-kuntratt ta' bejgħ xolt minħabba li l-*lift* in kwistjoni huwa afflitt minn difetti ossija nuqqas ta' konformità:**

**Jordna lill-azjenda intimata tħallas ossija tirrifondi lir-Rikorrent is-somma ta' għaxart'elef Euro (€10,000) b'mod immedjat;**

**Jordna lill-azjenda intimata sabiex fi żmien xahrejn mid-data ta' din is-sentenza tieħu ħsieb tneħħi l-lift u kwalunkwe installazzjoni relatata mill-fond tar-Rikorrent, dan a spejjeż esklussivi tagħha.**

**Spejjeż ta' dawn il-proċeduri ikunu interament a karigu tal-azjenda intimata.**

**L-imgħax jgħodd minn din is-sentenza.**

**Avv. Mattia Felice LL.B., LL.D.**
***Arbitru***